# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

G. ZARB ADAMI

F'dak li diġà għedt, tajt x'wieħed jifhem li l Għaqda tal-Kittieba tal-Malti mhux mit-twaqqif tagħha fl-14 ta' Novembru, 1920, kienet ħadet dak l-isem; u hekk kien, għaliex sas-7 ta' Mejju, 1922, meta għadda mil-Laqgħa Ġenerali l-ewwel statut hi kienet magħrufa bejn il-ħbieb u l-imseħbin bħala XIRKA FILOLOĠIKA LETTERARJA. Infatti, sa dak inhar, jiġifieri Mejju, 1922, hi kellha biss President u Segretarju, kif ukoll il-Kummissjoni li kellha tieħu ħsieb issawwar l-alfabet u r-regoli tal-grammatika; u wkoll speċi ta' Sotto-Kumitat biex iħejji Statut. Il-President, kif ġa rajna, kien il-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi u s-Segretarju s-Sur Franġisk Saverju Caruana.

Fit-tielet Laqgħa Ġenerali, dik tas-7 ta' Mejju, 1922, (fit-tieni Laqgħa, dik tat-18 ta' Diċembru, 1922 kien tressaq mill-Kummissjoni r-Rapport tagħha u għadda l-Alfabet) mhux biss l-Għaqda kienet kostitwita skond Statut, iżda ħatret l ewwel Kumitat li Jien ukoll ġa semmejt qabel.

Mal-ħruġ ta' IL-MALTI, f'Marzu, 1925, bdiet tinħass ix-xewqa li l-Għaqda tieħu xejra aktar sħiħa, xejra ta' Akkademja kif jixraq lill-Ilsien għażiż tagħna; dan twettaq fl-Istatut ġdid tas-17 ta' Ottubru, 1926, meta l-Għaqda ħadet l-isem ta' Akkademja ta' l-Ilsien Malti; iżda billi nstab li fost il-poplu baqa' jseħħ l-isem ta' Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u mhux dak ġdid ta' Akkademja ta' l-Ilsien Malti, fil-laqgħa tal-Kumitat tat-18 ta' Diċembru, 1927, tressqet mozzjoni biex l-Istatut tal-1926 ikun emendat. Kif ġa rajna qabel, fl-Istatut li għadda fil-Laqgħa Ġenerali tal-15 ta' Jannar, 1928, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti — it-tieni isem tagħha — kienet "imdaħħla u magħquda f'Xirka waħda ma' l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti li tibqa' tingħaraf bl-isem ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

Fl-1942 reġa' sar statut kważi ġdid għal kollox, barra b'dak li kien il-ħsieb u l-għan — li baqgħu dejjem qatt ma tbiddlu — l-isem ukoll baqa' l-istess, jiġifieri l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u hekk ix-Xirka tagħna baqgħet tingħaraf minn kulħadd u għal żmien twil l-alfabet, illum uffiċjali u li ħafna jsibuh bl-isem tal-Alfabet tal-Gvern, in-nies kienu jsejħulu l-Alfabet tal-Għaqda.

Iżda fit-13 ta' Diċembru, 1964, meta reġa' sar Statut ġdid ieħor, l-isem inbidel f'Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) bejn wieħed u ieħor għall-istess raġuni ta' 38 sena qabel; dan l-istatut reġa' kien rivedut fil-21 ta' Mejju, 1967, imma did-darba l-isem baqa' l-istess.

**(Jissokta)**